Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

# Minuti

**Data:** L-Erbgħa, 24 t' April 2019

**Post:** Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Ħin:** 17:30

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Mifsud - Membru

**Skużat:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sinjura Graziella Galea – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## 20.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija

20.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-ittri ta' apoloġija mibgħutha minn Dr. Samuel Azzopardi, mis-Sa. Graziella Galea u mis-Sur Mark Grech.

20.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev. Paul Farrugia, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġiji preżentati.

## 20.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 19

20.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 19.

20.2.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva l-minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.19.

## 20.3 Punti li joħorġu mill-minuti

| | |
|---|---|
| **20.3.1 Sejħa għas-servizzi tal-assigurazzjoni għall-Assoċjazzjoni** | Il-President semma li l-Assoċjazzjoni qed taħdem biex tikkonkludi l-proċess fil-ġimgħat li ġejjin. |
| **20.3.1 Eyetech** | Il-President semma l-kumpanija reġgħet bagħtet statement ta' ħlas pendenti, filwaqt li l-Assoċjazzjoni bagħtet komunikazzjoni biex terġa' tfakkar il-kumpanija li għadha qed tistenna laqgħa magħhom. Minkejja dan min-naħa tal-kumpanija m'hux qed ikun hemm rispons. Għaldaqstant l-Assoċjazzjoni mhux ser tkun qed tħallas dak li qed jiġi mitlub mill-kumpanija. |
| **20.3.2 Sejħa għall-offerti fuq servizz ta' Traffic Management System li titratta l-Ħruġ ta' Permessi** | Il-President semma li kien hemm kumpanija waħda li bagħtet l-offerta tagħha. Din l-offerta ser tkun qed tiġi diskussa fil-ġimgħat li ġejjin. |

**20.3.3 Video Clip** Il-President semma li l-filming kien qiegħed fil-proċess u li fil-jiem li ġejjin ser ikun konkluż.

**20.4 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2018**

20.4.1 Is-Segretarja preżentat ir-Rapport Finanzjarju għas-Sena 2018 li kien diġa intbgħat lill-Eżekuttiv permezz ta' korrispondenza elettronika.

20.4.2 Il-President semma li saru xi rimarki mill-awdituri li l-Assoċjazzjoni kkontestat għax kienu jidhru li kienu kummenti vagi u oħra li l-informazzjoni kienet disponibbli imma ma ntalbietx.

20.4.3 Il-President semma li saret laqgħa mal-awdituri fil-preżenza tal-Awditur Ġenerali.

20.4.4 Il-President semma li l-punti ġew riżolti u r-rapporti finanzjarji ġew emendati kif maqbul bejn il-partijiet.

20.4.5 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Chev. Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva ir-rapport hekk kif preżentat.

**20.5 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2019**

20.5.1 Is-Segretarja preżentat ir-Rapport Finanzjarju għall-Ewwel Kwart tas-Sena 2019 li kien diġa intbgħat lill-Eżekuttiv permezz ta' korrispondenza elettronika.

20.5.2 Matul l-Ewwel Kwart tas-Sena 2019, l-Assoċjazzjoni organizzat il-Laqgħa Plenarja ġewwa Għawdex, fejn kienet tirrikjedi diversi xogħlijiet u għaldaqstant il-ħaddiema kien hemm bżonn li jagħmlu ammont ta' overtime. Matul l-ewwel xhur tas-sena sar ukoll l-awditjar tal-Assoċjazzjoni fejn il-ħaddiema wkoll taw sehemhom anki wara l-ħin normali tax-xogħol biex dan jiġi konkluż mill-aktar fiss possibbli.

20.5.3 L-Assoċjazzjoni kompliet bl-inovar tal-binja fejn jidħlu rekwiżiti tas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-post tax-xogħol, fosthom sar xogħol ta' Emergency

Lightning u bdil ta' tubi li kienu mingħajr cover. Tkompla wkoll ix-xogħol fuq l-infrastruttura tal-Informatika, fejn l-Assoċjazzjoni investit f' server ġdid kif ukoll system ta' offsite backup f' każ ta' kontinġenza. Matul l-ewwel tliet xhur tas-sena ġie approvat mill-Eżekuttiv li jitħalsu l-membership kemm ta' organizazzjonijiet Nazzjonali kif ukoll Internazzjonali fosthom CLGF, ECAD u National Council of Women.

20.5.4 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Joseph Cordina, ir-rapport ġie approvat hekk kif preżentat.

## 20.6 Prezentazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' Ħidma AKL matul l-Ewwel Kwart tas-Sena 2019

20.6.1 Il-President ippreżenta r-Rapport ta' Ħidma tal-Assoċjazzjoni, xogħol, konsultazzjoni u deċiżjonijiet li l-Assoċjazzjoni ħadmet fuqhom fl-ewwel tliet xhur tas-sena 2019.

20.6.2 Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva r-rapport hekk kif preżentat.

## 20.7 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-Ftehim bejn l-AKL u Heritage Malta fuq l-Iskema tal-Passaport għall-Anzjani

20.7.1 Il-President preżenta l-ftehim li qed jiġi propost biex ikun iffirmat bejn l-Assoċjazzjoni f' isem il-Kunsilli Lokali li jkunu interessati u Heritage Malta.

20.7.2 Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva l-ftehim hekk kif propost.

20.7.3 Il-President semma li l-Assoċjazzjoni ser tkun qed tiġbor il-mandati mingħand Kunsilli Lokali li huma interessati li jipparteċipaw fl-inizjattiva.

20.7.4 Il-President semma li kif tiġi kkomunikata data min-naħa ta' Heritage Malta biex jiġi ffirmat l-ftehim, is-Segretarja tinforma lill-Eżekuttiv rispettivament.

## 20.8 Ħruġ tal-Kuntratti Reġjonali tal-Ġbir tal-Iskart – Konsultazzjoni mas-Sindki

20.8.1 Il-President semma li għaddejjin laqgħat bejn id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, il-Ministeru u l-Assoċjazzjoni. F' dawn il-laqgħat qed jiġi diskuss u

mfassla l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-kuntratti ta' ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali.

20.8.2 Il-President propona li kull Reġjun għandu jpoġġi din l-materja fuq l-aġenda tal-Laqgħa Reġjonali. Semma li l-Presidenti Reġjonali għandhom jibdew konsultazzjoni mas-Sindki rispettivi tar-Reġjun biex tinġabar informazzjoni fuq kundizzjonijiet partikulari li hemm f' xi wħud mil-lokalitajiet u tinġabar ukoll l-iskeda tal-ġbir u l-ħinijiet.

20.8.3 Il-President semma li l-informazzjoni miġbura mir-Reġjuni għandha tgħaddi għand l-Assoċjazzjoni sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ġunju 2019.

## 20.9 Kommunikazzjoni mill-President

**20.9.1 Kuntratt tal-kirja tal-Binja tal-Uffiċini tal-Assoċjazzjoni**

Il-president semma li kien ġie iffirmat il-kuntratt tal-kirja tal-Binja Local Government Building fi Triq il-Gvern Lokali, il-Marsa. Il-President semma li l-kera tal-binja għoliet 5% ta' dak li kien qed jiġi mħallas. Il-kuntratt jagħlaq ħames snin oħra, 2024.

Il-President semma li ġie għall-attenzjoni tal-Assoċjazzjoni li car park ma kienx inkluż fil-kirja u għaldaqstant kien meqjus bħala parti komuni. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li għandha ssir talba lill-MIP biex l-car park ta' quddiem il-binja jkun inkluż mar-renta li tħallas l-Assoċjazzjoni.

**20.9.2 Rinovazzjoni tal-Car Park u l-Entratura tal-Binja tal-AKL**

Il-President semma li tqabbad Perit u qed iħejji l-pjanti neċessarji biex ladarba r-rinovazzjoni tal-binja minn ġewwa huwa kważi konkluż wieħed jista' jaħseb biex issir ir-rinovar tal-entratura tal-binja u jżdied ukoll il-parkeġġ. Il-President semma li ser ikun qed jara possibiltajiet ta' finanzjarjament anki minn xi skemi li hemm miftiħa bħal issa għall-Kunsilli Lokali.

Il-President semma li ser ikun qed jiġi propost li titħaffer ġibja taħt il-car park peress li l-ilma tax-xita qed jintilef. Semma wkoll li ser jinġabbru kwotazzjonijiet biex issir sistema ta' irrigazzjoni.

Is-Sur Aquilina semma li abbażi tal-ispejjez li qed tagħmel l-Assoċjazzjoni, wieħed għandu jitlob biex ikun hemm devoluzzjoni tal-binja. Għaldaqstant, il-President semma li kien qed jikkomunika mal-MIP biex il-perjodu ta' kirja jiġi estendit b' diveri aktar snin.

Il-President semma li hekk kif il-Perit jippreżenta l-BOQs, dawn jitressqu waqt il-Laqgħa tal-Eżekuttiv għall-approvazzjoni.

**20.9.3 Sistema ta' online permiting system and right of way**

Il-President semma li wara s-sejħa ta' interess li l-Assoċjazzjoni kienet ħarġet, kien hemm kumpanija waħda li tefgħet l-offerta. Il-President semma li fil-jiem li ġejjin ser ikun hemm laqgħa ma' rappreżentant tal-kumpanija kif ukoll ma' rappreżentanti tal-istess kumpanija li ġejjin apposta għall-laqgħa minn barra minn Malta.

**20.9.4 Fondi LESA – Attivitajiet Kulturali**

Il-President semma li kien hemm talba mir-Reġjun Ċentru kif ukoll mir-Reġjun Għawdex biex it-talba għall-fondi issir wara d-data li inizjalment kienet ikkomunikat mil-Assoċjazzjoni.

Reġjun Ċentru ser ikun qed jorganizza l-aħħar attivita' fi 28 ta' Mejju 2019, għaldaqstant il-fatturi ser jiġu preżentati wara l-aħħar ta' Mejju. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva din it-talba.

Reġjun Għawdex talab li d-data tal-għeluq tiġi estiża sa l-aħħar ta' Ġunju peress li r-Reġjun dam ma kellu konferma mid-Dipartimenti biex ikun jista' jippubblika s-sejħa biex jiġi ppubblikat il-ktieb hekk kif kien propost inizjalment. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv approva din it-talba.

Reġjun Nofsinhar talab li wara li kienet tħalset Festa Nar 2018 kif ukoll ktieb fuq ir-reliġjon Marjan, jidher li r-Reġjun ser ikollu bilanċ ta' madwar €10,000. Ir-Reġjun talab li dawn il-fondi jintużaw biex titħallas parti mill-ispiża ta' Festa Nar 2019.

Is-Sur Anthony Mifsud daħal għal-laqgħa fis-sitta u ħdax il-minuta.

Il-President talab lir-Reġjun Tramuntana biex jikkoreġġi l-figuri li ntbgħatu lill-Assoċjazzjoni biex jiġi kkunsidrat il-ħlas tal-ispejjeż li saru fuq attivitajiet kulturali mill-fondi tal-LESA.

Il-President wissa li mhux se jkun aktar possibli li dan isir minn din is-sena. Dan anki wara li fil-laqghat preċedenti ġew ippreżentati u approvati proċeduri ġodda ta' kif Kunsill jew Reġjun jista' japplika għal dawn il-fondi.

**20.9.5 EU Consultant**

Il-President semma li ser issir komunikazzjoni mal-EU Consultant li jekk kemm il-darba ma kienx ser jibqa' huwa personali bħala Konsulent mal-Assoċjazzjoni, l-Assoċjazzjoni kienet ser terġa' toħroġ is-sejħa.

**20.9.6 Permess għal żbir ta' siġar**

Il-President semma l-Assoċjazzjoni għamlet talba mal-ERA biex ikunu jistgħu jinżabru s-siġar ta' quddiem il-binja fi Triq il-Gvern Lokali.

**20.9.7 APS – VISA**

Il-President semma li ser ikun miftuħ kont bankarju marbut mal-VISA minħabba sigurta' peress li bħal issa l-VISA hija marbutha ma' kont kurrenti li minnu joħorġu l-flus tal-Assoċjazzjoni. Għaldaqstant, il-limit ser ikun biss ta' €2,000. Il-President talab lis-Segretarja biex tinnotifika lill-bank.

**20.9.8 BOV**

Il-President semma li l-bank innotifika li ser ineħħu s-servizz li joffru amministraturi fuq is-servizz bankarju 24/7 u għaldaqstant qe djitolbu lil kull entita' li tinnomina ħaddiem li jista' jieħu ħsieb dan. Il-President propona li għandha tkun s-Segretarja li tieħu din ir-responsabbilita'. Il-President talab lis-segretarja biex tinnotifika lill-bank.

## 20.10 Interventi mill-Membri

20.10.1 Il-President ikkonferma għall-mistoqsija tas-Sur Aquilina, fejn ġie mistoqsi jekk iż-żieda tal-onorarja hux ser tiġi fis-a seħħ mill-1 ta' Lulju 2019.

20.10.2 Is-Sur Joseph Cordina semma li hekk kif kien ikkonfermat fl-laqgħa tal-Eżekuttiv preċedenti, kien mistieden li jattendi għal-laqgħa tal-Commonwealth ġewwa Sir Lanka.

20.10.3 Chev. Paul Farrugia semma li hu flimkien ma' Dr. Azzopardi kienu talbu li jinbidlilhom il-mandat tal-Kummitatt tar-Reġjuni ġewwa Brussel biex jiġi imniżżla bħala Presidenti Reġjonali minflok Sindki tal-lokalita'.

20.10.4 Il-President spjega lis-Sur Michael Fenech Adami li r-Riform titlob li President Reġjonali irrid jiddeċiedi jekk ikunx fil-Kunsill jew fir-Reġjun. Għaldaqstant, Sindku jew Kunsillier elett li jkun ukoll President Reġjonali irrid jiddeċiedi u jirriżenja minn waħda mill-pożizzjonijiet. Is-Sur Fenech Adami argumenta li huwa jaqbel li President Reġjonali ma jkunx Sindku imma ma jaqbilx li m'għandux jibqa' Kunsillier.

## 20.11 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 20

20.11.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami u Chev. Paul Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn 26 ta' Marzu 2019 u 24 t' April 2019 li kienet tammonta għall-€132,501.03.

## 20.12 Aġġornament

20.12.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-sebgħa neqsin għoxrin ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 21 t' Mejju 2019 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

**Lianne Mifsud**

**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.21 li nżammet nhar it-Tlieta, 21 t' Mejju 2019.

**Mario Fava**

**President**